

# 100 Sena mid-Dehriet tal-Madonna ġo Fatima



*Joe Mercieca*

**L-ewwel żewġ dehriet**

Fit-13 ta' Mejju 1917, tlett itfal Portugiżi, Luċija Santos u ż-żewġ kuġini tagħha Jacinta u Francesco Marto, waqt li kienu qed jirgħu n-nagħaġ f'post jismu Cova di Iria, ftit bogħod 'il barra mir-raħal tagħhom ġewwa Fatima, raw il-figura ta' mara sabiħa kollha bjuda madwarha, ta' dawl qawwi aktar minn tax-xemx. Din il-mara kellha libsa bajda, b'mantell kbir minn fuq rasha sa saqajha, kollu abjad bit-tarf tiegħu b'gallun lewn id-deheb, u f'idejha kuruna tar-Rużarju. Din kienet l-ewwel dehra tal-Madonna lil dawn it-tlett itfal u meta kellmithom, qaltilhom biex ikunu devoti tat-Trinità Qaddisa, jgħidu r-Rużarju kuljum biex tieqaf il-gwerra u ssaltan il-paċi fid-dinja. Fl-istess dehra l-Madonna talbithom biex fit-13 ta' Ġunju, f'jum il-festa ta' Sant'Antnin, li lilu l-knisja parrokkjali tagħhom kienet iddedikata, jerġgħu jiġu f'dan il-post biex tkellimhom.

Fit-tieni dehra l-Madonna talbithom biex jgħidu r-Rużarju kuljum biex issaltan il-paċi fid-dinja, qaltilhom ukoll li kemm Jacinta u Francesco kellhom imutu ta' età ċkejkna, waqt li Luċija kellha tgħix għomor twil. Hija talbithom ukoll biex ixerrdu d-devozzjoni lejn il-Qalb Immakulata ta' Marija. Fl-aħħar ta' din id-dehra, uriethom viżjoni tal-infern,u afdathom b'sigriet li kellu jkun ta' aħbar tajba għal xi wħud u ta' aħbar ħażina għal oħrajn.

**Iżjed dehriet tal-Madonna**

L-aħbar tad-dehriet xterdet u ħafna kienu dawk li bdew imorru f'dan il-post, min biex jitlob u min għall-kurżità, biex forsi jara xi miraklu. L-awtoritajiet ekkleżjastiċi u dawk ċivili wkoll bdew jieħdu passi u kemm-il darba talbu lit-tfal biex jgħidulhom, jirrakkontawlhom il-fatti u jistaqsuhom dwar xi sigrieti li din il-mara qaltilhom. Dawn it-tfal, bejn it-13 ta' Mejju u t-13 ta' Ottubru 1917, stqarrew li raw 'il-Madonna sitt darbiet. Id-dehriet kollha seħħew ġewwa Cova di Iria, minbarra dik fix-xahar ta' Awwissu li seħħet fid-19 u mhux fit-13 u ġewwa Valinhos, għax it-tfal dakinhar kienu miżmuma maqfula fil-ħabs. F'kull dehra, il-Madonna dejjem talbet biex jingħad ir-Rużarju, jitolbu għall-paċi, jitolbu għall-midinbin għax ħafna nies kienu sejrin l-infern u darba minnhom ħabbritilhom miraklu li kellu jseħħ f'Ottubru.

**Il-miraklu tax-xemx**

Kien il-jum tat-13 ta' Ottubru 1917. Dakinhar inġabru folol kbar ġewwa Cova di Iria flimkien ma' numru kbir ta' fotografi u *reporters*. Ix-xitàwaqfet u fis-sema deher ftit sħab. F'daqqa waħda Luċija rat dawl qawwi ħiereġ mis-sema u dehret il-Madonna b'dawl ħiereġ minn idejha, waqt li x-xemx saret qisha rota kbira kollha nar. Dak il-ħin Luċija qalet lill-folla ' Ħarsu lejn ix-xemx ' u kulħadd tefa' ħarstu lejn dan il-fenomenu tax-xemx li bdiet tibdel il-kuluri u tiddi aktar mis-soltu. Dan il-fenomenu kien viżibbli sa 40 kilometru u ma deher imkien aktar f'partijiet oħra tad-dinja u qatt ma ġie rrekordjat mix-xjenzati. It-tlett itfal, waqt li kien qed iseħħ dan kollu, qalu li raw diversi viżjonijiet tal-Familja Mqaddsa, tad-Duluri b'Binha Ġesù, xbieha tal-Madonna tal-Karmnu u ta' San Ġużepp bil-Bambin Ġesù jbierku lill-folla miġbura.

**X'ġara mit-tfal wara d-dehriet**

Francesco Marto miet id-dar fl-4 ta' April 1919, fl-età ta' 10 snin. Jacinta mietet ta' 9 snin fl-isptar, fl-20 ta' Frar 1920. It-tnejn li huma mietu kawża tal-influwenza qerrieda li bdiet tinxtered mal-Ewropa kollha fl-1918. Illum, dawn iż-żewġt itfal, jinsabu midfuna fis-Santwarju tal-Madonna ġo Fatima.



Luċija, it-tifla l-oħra, ta' 14-il sena marret

*ikompli minn paġna 61*

l-iskola għand is-sorijiet tad-Dorotej ġewwa Vilar. Fis-sena 1928 daħlet bħala postolanta mad-Dorotej u sakemm damet ma' dawn is-sorijiet kellha diversi dehriet, fejn il-Madonna wasslitilha diversi messaġġi biex tinxtered id-devozzjoni lejn il-Verġni Marija fl-ewwel Sibt ta' kull xahar u biex l-awtoritajiet tal-Knisja Kattolika jikkonsagraw ir-Russja lill-Immakulata Qalb ta' Marija. Fis-sena 1947, Luċija telqet mingħand is-sorijiet Dorotej u daħlet mas-sorijiet Karmelitani Skalzi ġewwa l-monasteru tagħhom f'Coimbra fil-Portugal. Hija mietet fit-13 ta' Frar 2005 fl-età ta' 97 sena.

**X'ġara aktar wara d-dehriet tal-Madonna**

Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar devoti tal-Madonna bdew imorru lejn dan il-post biex jitolbu t-talba tar-Rużarju u l-bżonnijiet tagħhom. L-ewwel inbniet daqsxejn ta' kappella u fit-13 ta' Mejju 1920 saret l-ewwel statwa tal-Madonna. F'Jannar 1924 saret l-ewwel quddiesa u fl-1927 inħatar l-ewwel rettur u wara ftit tpoġġiet l-ewwel Via Sagra matul it-triq. Fis-sena 1928 tpoġġiet l-ewwel ġebla tas-Santwarju Bażilika sabiħa li hemm illum. Sentejn wara, il-Knisja Kattolika approvat id-dehriet tal-Madonna u qalet 'ta' min jemminhom'. Fit-13 ta' Mejju 1946, il-Papa Piju XII awtorizza l-inkoronazzjoni tal-istatwa tal-Madonna ta' Fatima. Fl-1952, l-istess Papa Piju XII, fl-ittra appostolika Sacro Vergente, ikkonsagra lill-poplu kollu tar-Russja lill-Qalb Immakulata ta' Marija. Fl-1 ta' Mejju 1948, il-Papa Piju XII talab li ssir il-konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Marija f'kull familja, parroċċa jew djoċesi fid-dinja.

**It-tliet sigrieti tal-Madonna ta' Fatima**

Fid-dehriet tal-Madonna lit-tlett itfal, din qaltilhom, minbarra l-messaġġi tagħha, tliet sigrieti, li dawn qajmu kontroversji u spekulazzjonijiet sħaħ mad-dinja kollha, speċjalment it-tielet sigriet. Dawn is-sigrieti kienu:

1. Dan kien dwar il-viżjoni li t-tfal kellhom tal-infern u kemm nies kienu qegħdin jintilfu minħabba l-ħajja ħażina li kienu qed jgħixu u joffendu 'l Alla.
2. Dan kien, li sa tispiċċa l-ewwel gwerra dinjija, iżda kellha tibda gwerra oħra jekk in-nies ikomplu joffendu lil Alla. Din kellha tibda wara li fis-sema jidher dawl qawwi ħafna, li fil-fatt deher fil-25 ta' Jannar 1938. Xahar wara dan il-fenomenu fis-sema, Hitler attakka l-Awstrija u 8 xhur wara invada ċ-Ċekoslovakkja.
3. Dan kien dwar il-mewt vjolenti tal-Papa u ta' numru kbir ta' reliġjużi. Swor Luċija fil-kitba tagħha kienet tinsisti li dan is-sigriet ikun magħruf sas-sena 1960, iżda



*Knisja Spirtu s-Santu. Żejtun*

l-Vatikan ippubblika l-kontenut ta' dan is-sigriet fis-26 ta' Ġunju 2000. Kien hemm xi ekkleżjastiċi fil-Vatikan li kienu qalu li s-sigriet ma kienx ippubblikat kollu kemm hu, imma l-Papa Benedittu XVI, waqt iż-żjara tiegħu ġo Fatima, qal li dan is-sigriet mhux bilfors jirreferi għall-attentat fuq il-ħajja tal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-pjazza ta' San Pietru fl-1981. Il-Papa Benedittu stqarr li s-sigriet tal-Madonna għandu sinifikat aktar wiesa' li jista' jinkludi t-tbatija li għaddejja minnha l-Knisja Kattolika wara r-rapporti li ħarġu fil-beraħ tal-abbużi sesswali mill-membri tal-kleru u reliġjużi fuq tfal innoċenti.

**Iż-Żjarat tal-Papiet ġo Fatima**

Fit-13 ta'Mejju 1967, 50 sena wara l-ewwel dehra tal-Madonna ġo Fatima, il-Papa Pawlu VI mar f'dan il-post qaddis u hemm iltaqa' ma' Swor Luċija. Fl-1984, il-Papa Ġwanni Pawlu II ikkonsagra lid-dinja kollha - bla ma semma lir-Russja - lill-Verġni Marija u din il-konsagrazzjoni, skont is-soru Luċija, issodisfat ix-xewqa tal-Madonna. Fit-12 ta' Mejju 1987, dan il-Papa mar Fatima fejn irringrazzja lill-Madonna li ħelsitu mill-mewt meta sparawlu f'jum il-festa tal-Madonna ta' Fatima, eżattament fit-13 ta' Mejju 1981. L-għada fit-13 ta' Mejju 1987, il-Papa Ġwanni Pawlu II reġa' kkonsagra lid-dinja lill-Qalb Immakulata ta' Marija. Fit-13 ta' Mejju 2008, tliet snin wara l-mewt ta' Luċija Santos, il-Papa Benedittu XVI ordna li jibda l-proċess tal-beatifikazzjoni ta' din is-soru, qabel il-ħames sena mill-mewt tagħha kif titlob il-liġi kanonika. Fit-12 u 13 ta' Mejju 2010, il-Papa Benedittu XVI mar Fatima u ta warda tad-deheb lill-Madonna bħala ringrazzjament għal tant mirakli,

konverżjonijiet u grazzji li l-Madonna wettqet ma' tant erwieħ li talbu l-għajnuna tagħha. Issa, din is-sena 2017, f'għeluq il-100 sena mid-dehriet, il-Papa preżenti, il-Papa Franġisku, sa jmur Fatima u hemm sa jikkanonizza lit-tfal Jacinta u Franġisku, li lilhom dehritilhom il-Madonna. Dawn sa jkunu l-iżgħar qaddisin, li mhumiex martri, tal-Knisja Kattolika.

**Id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Fatima f'Malta u fiż-Żejtun**

Fil-25 ta' Awwissu 1948 il-Papa Piju XII, waqt udjenza pubblika bierek u inkuruna statwa tal-Madonna ta' Fatima li kienet inħadmet ġo Fatima stess.

L-istatwa mbagħad iddaħħlet trijonfalment fil-Port il-Kbir u wara bdiet iżżur il-parroċċi kollha tal-Arċidjoċesi. Dak iż-żmien kien twaqqaf Kumitat Djoċesan, taħt il-presidenza ta' Mons. Filippu Muscat u b'ħidma ta' Dun Salv Bartoli Galea, biex jikkoordina u jxerred id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Fatima, meta din l-istatwa kienet qed iżżur il-parroċċi. Kull fejn marret din l-istatwa saru pellegrinaġġi kbar u sar ħafna ġid spiritwali.



*Proċessjoni bil-Madonna ta' Fatima merfugħha minn erba' patrijiet Dumnikani - 1 ta' Mejju, 1949*

Fil-parroċċa tagħna taż-Żejtun ġiet it-Tnejn 25 ta' April 1949. Dakinhar filgħaxija sar pellegrinaġġ *aux flambeau* minn Bir-id-Deheb sal-knisja parrokkjali. Matul dik il-ġimgħa kollha saret quddiesa kantata fis-6.30 u oħra fit-8.30 ta' filgħodu bit-talba tar-rużarju mmeditat. Il-Ħamis 28 ta' April sar il-vjatku solenni għall-morda u s-Sibt 30 ta' April saret quddiesa bir-rit Grieg mill-Papas George Schiro. Il-Ħadd 1 ta' Mejju filgħodu sar il-quddies bħas-soltu u filgħaxija fis-2.30 saret proċessjoni bis-sagrament u fil-pjazza ta' wara l-knisja tbierku l-morda miġbura quddiem l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima. Dakinhar ukoll fl-4.00 sar il-kant tal-għasar u wara ħarġet il-proċessjoni bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima u daret ma' bosta toroq tal-parroċċa. Meta daħlet il-proċessjoni fil-knisja tkanta lt-Te Deum u ngħatat il-barka sagramentali. Miż-Żejtun l-istatwa marret fil-parroċċa tal-Gudja.

Wara li daret il-parroċċi din l-istatwa nżammet għal bosta snin fil-Knisja ta' Santa Katerina d'Italja fil-Belt Valletta. Wara, billi kienet sejra tintafa' f'post fejn ma titgawdiex, bi ftehim mad-Direttur tad-Dar tal-Kleru, ittieħdet hemm fejn għadha hemm sal-lum iżżejjen wieħed mill-artali tal-kappella.

Ftit taż-żmien wara din il-mawra tal-Madonna ta' Fatima fil-parroċċi ta' Malta, Mons. Salvatore Grima, saċerdot Żejtuni, devot kbir tal-Madonna, xtara statwa tal-Madonna ta' Fatima, li ħallas għaliha hu nnifsu u kemm -il darba organizza biha pellegrinaġġi Marjani l-aktar fil-Belt u fiż-Żejtun. Mal-wasla ta' din l-istatwa Dun Salv organizza l-ewwel pellegrinaġġ biha fuq karozza mat-toroq fiż-Żejtun. Illum din l-istatwa tinsab għall-qima fil-Knisja tal-Ispirtu s-Santu fiż-Żejtun u kull sena f'Mejju u f'Ottubru tinħareġ min-niċċa u tingħata aktar prominenza fil-knisja.

Dun Salv Grima jibqa' mfakkar għal żewġ pellegrinaġġi Marjani li hu nnifsu organizza fil-Belt Valletta nhar il-25 ta' Mejju 1968 u ieħor fit-18 ta' Lulju 1976.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Fatima xterdet ukoll f'diversi parroċċi. Hekk insibu statwi ta' din il-Madonna fi tliet parroċċi f'Tas-Sliema u oħrajn madwar Malta u Għawdex. Fis-sena 1955 infetaħ is-Santwarju tal-Madonna ta' Fatima ġewwa Gwardamanġa mill-patrijiet Dumnikani u fl-1968 sar knisja parrokkjali.